# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ottubru 2017**

**Numru 16**

**Rikors numru 1166/15 JPG**

**Anthony Grech Sant**

**v.**

**Ronald Robert Balani**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Ronald Robert Balani tad-9 ta' Diċembru 2015, wara ittra uffiċjali datata 25 ta' Novembru 2015, li biha Anthony Grech Sant ittenta jrendi eżekuttivi *cheques* għall-ammont ta' €171,500.61 u dan ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta). Ir-rikorrent Ronald Robert Balani oppona ruħu għat-talba u ressaq dan ir-rikors li jgħid hekk:

"Illi l-esponent jopponi ruhu ghal talbiet tal-mittent fost ragunijiet ohra ghal dawk segwenti:

"(1) Illi id-dokumenti annessi mal-imsemmija ittra ufficjali la huma kambjalijiet u lanqas *promissory notes* kif allegat fl-imsemmija ittra ufficjali izda *cheques*.

"Illi fl-istess ittra ufficjali il-mittent ma jghamel ebda distinzjoni bejn id-definizjoni u natura legali ta' *promessory note* u *cheque*. Tant li fil-premessi tal-ittra ufficjali jirreferi ghal *"primossory notes* ***ossia*** *cheques"* bhal li kieku kienu identici.

"Fil-fatt il-tnax il-dokument esebiti huma manifestament *cheques* u mhux *promissory notes* jew *bills of exchange* li dawn l-ahhar tnejn huma il-bazi tal-esercizju procedurali skond l-Artikolu 253 (e) tal-Kap 12 invokata mil-mittent.

"Ghaldaqstant it-talba maghmula ghat-tenur tal-Artikolu 253 (e) tal-Kap 12 mhux sostenibili legalment kif ukoll hija nulla u ghalhekk ghandha tig michuda.

"(2) Illi minghajr pregudizju tal-premess l-esponent jixtieq jirrileva ukoll is-segwenti fatti riferibbli ghal-talba tal-mittent Anthony Grech Sant.

"Illi bejn il-partijiet hemm kawza pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti fl-ismiiiet "Anthony Grech Sant et -vs- Ronald Robert Balano et" (Rik Nru 77 /05) fejn l-attur qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta'tmienja u ghoxrin elf mitejn tlieta u ghoxrin lira flus maltin (Lm28,223) li huwa jallega li ghandhu jiehu minn ghand l-eponent konvenut bhala rizultat ta' diversi operazjonijiet kumercjali li kellhom bejnithom matul diversi snin.

"L-esponent min-naha tieghu f'dik il-kawza qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta' mija u dsatax il-elf seba mija u ghoxrin lira flus maltin (Lm119,720.00) li ghandhu jiehu minn ghand l-attur bl-esercizju tal-procedura rikonvenzjonali, liema somma kienet dovuta bhala rizultat ta' diversi transazjonijiet ta' mutwi li kienu vizjati bil-hlas ta'interessi li jikkonstitwixxu usura li huma ukoll soggetti ghal proceduri kriminali.

"Illi dik il-kawza li ghada pendenti tinsab differita ghar-rapport tal-periti nominati mill-Qorti kif jidher mill-annessi tliet dokumenti markati bhala Dok X,Y u Z.

"Minn dawn l-istess dokumenti jirrizulta illi l-attur Anthony Grech Sant ipprova jipprezenta tul il-procediment tal-istess kawza it-tnax il-*cheque* esebiti mal-ittra ufficjali odjerna li kien ghad- dispozizjoni tieghu qabel l-intavolar tal-imsemmija kawza u dan anki wara li kienu inalqghu il-provi u il-Qorti gustament cahditlhu din it-talba.

> "Issa bl-odjerna ittra ufficjali il-mittent qieghed metaforikament jipprova jidhol mit-tieqa meta sab il-bieb mghaluq.
>
> "F'dan ir-rigward ghandhu jigi relevanti illi dawn it-tnax il-*cheque* allegatament jiffurmaw parti mil-provi tal-mittent fil-procediment tal-kawza fuq imsemmija.
>
> "Illi f'termini legali tezisti differenza sostanzjali bejn it-tliet *instruments of credit* cioe *Bill of Exchange*, *Promissory note* u *Cheque*.
>
> "Illi kull wahda min dawn l-*instruments of credit* ghandha il-fatti speci u regoli taghha.
>
> "Hekk il-*Bill of Exchange* skond l-Artikolu 123 tal-kodici tal-kummerc ghandhu jkollha dawn il-partikularijiet cioe *"It must be dated, and must specify the place where it is drawn, the sum to be paid, the name of the person who is to pay and the name of the person to whom or to whose order payment is to be made, the time and place of payment, and the value given, whether in cash, in goods, in account or in any other manner, and must be signed by the drawer.".*
>
> "Illi id-differenza bejn *Bill of Exchange* u *Promissory Note* hija fundamentali fis-sens illi filwaqt li fll-kaz ta' *Bill of Exchange* d-drawer johrog il-*Bill of Exchange* fuq terza persuna u mhux fuqu, fil-kaz tal-*Promissory Note*: din tinhareg minn persuna fuqha stess. Ghaldaqstant f'dawn iz-zewg dokumenti hemm certu somiljanza pero` legalment huma distinti kemm fil-kontenut kif ukoll fl-istruttura taghhom.
>
> "Illi *cheque* ma jista' qatt jigi ekwiparat ma *Bill of Exchange* jew *Promissory Note* kif qieghed jittenta jaghmel il-mittent. *Cheque* jinhareg fuq Bank li jkollhu f'idejh flus tal-persuna li tohrog ic-*cheque* u dan ghandu dejjem jigi onorat u imhallas meta jigi prezentat.
>
> "Illi fl-ahharnett ghandhu jigi osservat illi l-mittent mhux qieghed jiddikjara illi *cheques* huma titoli esekuttivi esegwibili izda fi kliemu stess talab lil din il-Qorti "tiddikjara illi kambjalijiet u *promissory notes* huma titoli esekutivi" u konsegwentement una volta li d-dokumenti esebiti huma *cheques* isegwi li dawn ma jaqawx fit-termini u applikazjoni tal-Artikolu 253 (e) tal-Kap 12."

Rat ir-risposta tal-intimat Anthony Grech Sant li in forza tagħha eċċepixxa:

> "1. Fl-ewwel lok u in linea preliminari jinghad illi t-talba kif proposta ma ssegwix il-kriterji stabbiliti fil-ligi stante illi m'huwiex qieghed jintalab li l-ezekuzzjoni tigi sospiza in toto jew in parte u t-talba kif proposta hija

differenti minn dik proposta mlll-proviso tal-Artikolu 253 (e) tal-Kap. l2 tal-Ligi ta' Malta.

"2. Illi fit-tieni lok, it-talba ta' Ronald Robert Balani hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda.

"3. Fit-tielet lok, *cheque* huwa meqjus bhala *credit instrument* u huwa meqius bhala *promissory note* u apparti dan, hemm diversi sentenzi li jsostnu li tista' wkoll titqies bhala kambjala u konsegwentement, l-ittra ufficjali kif proposta tirrientra perfettament fil-kweziti tal-Kapitolu 253 (e) tal-Kap. 12.

"4. Illi fir-raba' lok, il-fatti li ghamel referenza ghalihom ir-rikorrenti ma jghidux il-verita' kollha. Fl-ewwel lok m'huwiex minnu illi hemm xi proceduri kriminali relattivi ghall-vertenza. Fit-tieni lok, huwa l-istess Ronald Robert Balani li oppona bil-qawwa li c-*cheques* in kwistjoni jifformaw parti mill-atti tal-kawza minnu Citata u stante illi bhala *cheques* dawn huma indipendenti u awtonomi, dan certament m'huwiex kaz fejn l-esponenti qieghed jipprova jidhol mit-tieqa meta sab il-bieb maghluq. F'nifs wiehed Ronald Robert Balani qieghed ighid illi c-*cheques* mertu tal-ittra ufficjali in kwistjoni iifformaw parti mill-provi tal-kawza imsemmija u fl-istess nifs huwa stess qieghed jopponi li dawn l-istess *cheques* jifformaw parti mill-provi tal-istess. Jekk hemm xi inkonsistenza jew vessatorjita hija naxxenti proprju mill-azzjonijiet tal-istess Balani u mhux mill-esponenti.

"5. Finalment, jekk wiehed jezamina bir-reqqa il-kweziti tad-dettalji ta' x'ghandu jkun fiha kambjala, wiehed immedjatament jirrealizza illi dawn huma pjenament sodisfatti anke fic-*cheques* innifishom u kif jigi pprovat aktar 'il quddiem waqt it-trattazzjoni tal-kawza, *cheque* ghandu jkun, meqjus bhala jifforma wiehed mill-istrumenti ta' kreditu imsemmija fl-Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12 kif definit fil-Kodici tal-Kummerc u kif anke interpretat u accettat mill-gurisprudenza nostrana.

"6. Ghaldaqstant ir-rikors ghandu jigi michud bl-ispejjez."

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru 2016, li in forza tagħha ddeċidiet illi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' Grech Sant, u tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjeż tal-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet;

Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**"Ikkonsidrat:**

"Il-mittentipprezenta l-affidavit tieghu permezz ta' nota fit-18 ta' April 2016. Il-Qorti rat pero illi z-zewg partijiet kienu qabblu li m'ghandhomx provi x'jipproducu f'din il-kawza fl-udjenza tas-6 ta' April 2016 u li skont l-istess verbal il-mittenti kellu jipprezenta biss kopja formali tal-ittra ufficjali in kwistjoni. Minkejja dan il-mittenti prezenta l-affidavit tieghu, minghajr ma talab awtorizazzjoni mill-Qorti u fl-istadju fejn il-kawza kienet mhollija ghal prezentata tan-nota ta' osservazzjonijiet, b'mod illi r-rikorrent Balani ma kellux ic-cans li jaghmel kontro-ezami jew jipproduci provi hu li jikkontradicu l-affidavit ta' Grech Sant.

"Ghalhekk il-Qorti tordna l-isfilz tal-affidavit tal-intimati mill-atti processwali.

**"Ikkonsidrat;**

"Permezz ta' dawn il-proceduri, ir-rikorrent Balani qieghed jitlob il-Qorti sabiex tichad it-talba tal-mittenti Grech Sant fl-ittra ufficjali tal-25 ta' Novembru 2015 permezz ta' liema huwa sejjah lil Balani sabiex ihallas is-somma ta' mija, wiehed u sebghin elf u hames mitt Ewro u wiehed u sittin centezmu (€171,500.61) rapprezentanti tnax "*il-promissory notes* ossia *cheques*" bhala titolu esekuttivi ghal esekuzzjoni taghhom a tenur tal-Artikolu 253 (e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Balani jikkontendi illi cheque m'huwiex titolu esekuttiv ghal finijiet u l-effetti tal-ligi u ghalhekk l-Artikolu 253 (e) m'huwiex applikabbli fic-cirkostanzi.

"Il-mittent Grech Sant eccepixxa preliminarjament illi t-talba kif proposta ma ssegwix il-kriterji tal-ligi peress illi t-talba m'hijiex ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni in toto jew in parte kif jipprovdi l-proviso tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, ir-rikorrent Balani jargumenta illi din l-eccezzjoni hija bbazata fuq il-posizzjoni erroneja tal-mittent Grech Sant illi l-Artikolu 253 (e) huwa applikabbli ghal *cheques*.

"Il-Qorti tqis illi sabiex tigi deciza din l-eccezzjoni, irid l-ewwel nett jigi deciz jekk l-Artikolu 253(e) huwiex applikabbli fir-cirkostanza in dizamina u ghalhekk ser tghaddi sabiex taghmel analizi tal-applikabbilita o meno tal-Artikolu 253(e) meta d-dokument in kwistjoni ma jkunx kambjala jew *promissory note* izda jkun *cheque*.

"L-Artikolu 253 tal-Kapitolu 12, jipprovdi illi:

""[h]uma titoli esekuttivi:

““(omissis)

““(e) kambjali u *promissory notes* maħruġa skont il-Kodiċi Kap. 13. tal-Kummerċ:

““B’dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew *promissory note* tista’, b’digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta’ dik il-kambjala jew *promissory note* kollha jew f’parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta’ dik il-kambjala jew *promissory note* kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew *promissory note* esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f’dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta’ dik il-kambjala jew *promissory note* tkun trid tipproċedi b’kawża skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

““L-ittra uffiċjali msemmija aktar ’il fuq f’dan il-proviso għandha, taħt piena ta’ nullità, tavża lid-debitur bid-dritt mogħti lilu minn dan il-proviso;

““(omissis)”

“Il-mittent Grech Sant jargumenta fir-risposta tieghu illi '...cheque huwa meqjus bhala *credit instrument* u huwa meqjus bhala *promissory note*...' u illi apparti minn hekk hemm diversi sentenzi skont liema *cheque* jista' jitqies bhala kambjala. Huwa jargumenta illi c-*cheque* jifforma wiehed mill-istrumenti ta' kreditu imsemmija f'Artikolu 253 (e) tal-Kapitolu 12 kif definit fil-Kodici tal-Kummerc.

“Il-Qorti taghraf illi *cheque* huwa meqjus bhala titolu ta' kreditu fil-ligi Maltija. Il-Professur Joseph A. Micallef jispjega illi:

*““[i]n certain cases credit instruments are made to circulate as documents containing ‘abstract’ rights, that is a right which derives from the document itself independently of the ‘causa obligationis’ or the original contract which had given rise to it. Consequently, the credit instrument is issued even though the original contract which gave rise to it is not mentioned in the body of the document consisting the credit instruments … Not all credit instruments possess this quality of giving rise to abstract rights but only those which are recognized by the law, either expressly or impliedly and such an attribute is implied in bills of exchange, promissory notes and cheques”.*[1]

“Anke fis-sentenza **Mikiel Farrugia vs Maggur Victor Castillo noe** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta' April 1962 intqal illi:

““...fil-verita` jinghad u jigi affermat li *cheque*, jekk per se` ekonomikament jirraprezenta u huwa kunsidrat dak li l-awtoritajiet in materja jsejhu xiri ta’ kreditu *(‘purchase of a credit’ – ‘acquisto d’un*

1 Professur J. Micallef, Notes on Commercial Laws (Part II).

> *credito')*, intrinsikament mhuwiex haga' ohra hlief dokument ta' kreditu *('credit document' – 'documento rappresentante un credito presso una banca')* …"

"Rigward in-natura ta' *cheque*, il-Professur Micallef jghid illi:

> *""cheques are very similar in legal form to bills of exchange and, it will be seen, that many of the provisions relating to the latter are applicable to the former". ... Considered from the juridical point of view, cheques are very similar to bills of exchange. In fact, the Bills of Exchange Act, 1882, in Sec 73, defines the cheques as being 'a bill of exchange drawn on a banker payable on demand' and it prescribes further, that 'except as otherwise provided in this Part, the provisions of this Act, applicable to a bill of exchange payable on demand, apply to a cheque. Substantially, therefore, the juridical nature and character of a cheque or of a draft or cheque on bankers or cashiers, as our Code terms it, is very similar to that of a bill of exchange."*[2]

"Fuq l-istess linja ta' hsieb l-awtur **Ferri** fl-opra tieghu **Manuale di Diritto Commerciale** jghid illi *cheque* huwa:

> *""...un titolo di credito all'ordine o al portatore contenente l'ordine diretto ad una banca di pagare al possessore del titolo secondo la legge di circolazione la somma portata dall'assegno."*

"Huwa jkompli illi:

> *""[l]'assegno bancario e` sottoposto allo stesso regime della cambiale tratta per quanto riguarda la validita` delle sottoscrizioni, la responsabilita` del traente e dei giranti, l'avallo, la circolazione, il pagamento, le azioni che spettano al possessore, i duplicati e l'ammortamento."*

"Bl-istess mod, Di Semmo jispjega f'Diritto Cambiario illi:

> *""[l]'assegno bancario e' un titolo cambiario, all'ordine o al portatore, letterale, formale, autonomo, astratto, contenente l'ordine incondizionato, rivolto ad un banchiere, presso il quale l'emittente ha fondi disponibili adeguati, di pagare a vista la somma che vi e' menzionata; vincolante solidalmente tutti i firmatori verso il portatore e munito di forza esecutiva."*

"Anke il-Qrati Maltin minn dejjem irrikonoxxew ic-cekk bhala kambjala. Per ezempju, fis-sentenza fl-ismijiet **Enrico Sammut vs Vincenzo Falzon** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Ottubru 1875 intqal illi:

> *""...**e' certo che anche i cheques sopra banchieri o cassieri, <u>quando all'ordine e sono stati negoziati per via di girata</u>, come nel caso, l'atto della girata si converte in cambiale – e quindi sono applicabili a siffatti cheques le regole concernanti per mancanza di pagamento, quando non sono debitamente pagati, come nel caso di una cambiale**."*

2 *Idem.*

"Fis-sentenza **Daniel sive Danny Cremona noe vs Nazzareno sive Ronnie Zammit et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' April 1992 intqal illi:

> "... **partikolarment f'kaz ta' *cheque* "*to order*" dan ghandu jigi kkunsidrat bhala soggett ghal-ligi kambjarja**."

"F'din l-istess sentenza, il-Perit Legali Professor Joseph Micallef kien tal-fehma illi:

> ""[i]t-titolu kambjarju appena jinholoq jigi immedjatament perfett u effikaci u l-effikacja tal-obbligazzjoni tikkoincidi malli dan jitpogga fic-cirkolazzjoni."

"Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoine Deguara vs Walter George Wicker** fit-3 ta' Mejju 1955 il-Qorti kienet applikat ghac-*cheque* l-Artikolu 184 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta relattiv ghall-kambjali u wkoll ghac-*cheque* in ezami, u konsegwentement din is-sentenza ikkonfermat illi f'materja ta' *cheques* il-ligi applikabbli hija l-ligi tal-kambjala stess.

"Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Marlene Vella et vs Av. Dr. Antoine Gambin et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis- 26 ta' April 2001 intqal illi:

> ""...fl-opinjoni ta' din il-Qorti jidher li hemm bzonn li d-disposizzjonijiet dwar *cheques* jigu emendati sabiex jigu regolati ut sic u dan biex jittiehed in konsiderazzjoni l-izvillup ta' l-istess dokument ta' kreditu u mezz ta' pagament fiz-zmien prezenti. Nonostante dan in-nuqqas pero` l-gudikant huwa tenut li japplika l-ligi vigenti u din fl-opinjoni ta' din il-Qorti hija karatterizzata bil-gurisprudenza u duttrina inkluz l-insenjamenti fuq citati."

"Mill-gurisprudenza ghalhekk huwa evidenti illi fil-ligi *cheque* huwa ekwiparabbli ghal kambjala, tant illi l-ligi applikabbli hija l-ligi tal-kambjala. Dan dejjem meta c-*cheque* ikun '*to order*' u allura strument ta' kreditu, u mhux '*only*' ghaliex meta *cheque* isir '*only*' jitqies bhala metodu ta' pagament u mhux strument ta' kreditu.[3] Fil-kaz de quo, mill-kopji tac-*cheques* ezebiti a fol 25 tal-process jirrizulta illi c-*cheques* mahruga minn Balani kienu '*or order*', u ghalhekk ic-*cheques* in kwistjoni huma strumenti ta' kreditu ekwiparabli ghal kambjala, u l-ligi tal-kambjala hija applikabbli.

"Il-Qorti tqis illi l-konsegwenza naturali tal-insenjament hawn fuq enuncjat hija li, l-Artikolu 253 (e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa applikabbli fil-kaz de quo, ghaliex ftit ikun jaghmel sens li nghidu li l-ligi tal-kambjala hija applikabbli ghal *cheques* '*to order*' jekk imbaghad ma jitqiesx ukoll applikabbli dan l-Artikolu li jirigwarda l-infurzar ta' strumenti ta' kreditu. Fil-fatt, il-Professur Micallef, citat iktar il-fuq jghallem illi t-titolu kambjarju huma immedjatament perfett u

3 Vide per ezempju **Bank of Valletta p.l.c. vs Doreen Grima**, Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) deciza 24 ta' Gunju 2002.

effikaci appena jinholoq, u allura, jekk *cheque* jaghti li possessur tieghu titolu kambjarju dan ikun qed jaghti titolu perfett u effikaci. Ghalhekk jsegwi illi *cheque* huwa titolu ezekuttiv ghal finijiet tal-Artikolu 253 (e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

"L-Artikolu 253 (e) jaghti l-possibilita lill-persuna li tkun irceviet ittra ufficjali intiza biex tirrendi l-istrument ta' kreditu relattiv esegwibbli, li titlob is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-istrument ta' kreditu. Huwa car li l-legislatur ried illi din il-procedura tintuza biss ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni, u mhux ghac-cahda tal-esekuzzjoni tal-istrument ta' kreditu, ghaliex l-istess proviso stess jghid illi l-kreditur imbaghad ikun jista' jiftah kawza skont id-disposizzjonijiet tal-Att tal-Kummerc sabiex irrendi t-titolu tieghu esekuttiv. Fil-fatt skont is-sentenza fl-ismijiet **Ian Pecorella vs Sovereign Caterers Limited et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta' Marzu 2009 intqal illi:

> ""...il-Qorti trid tara jekk **prima facie jeżistux raġunijet**, dejjem skond is-sub-artikolu msemmi mir-rikorrenti, biex tara tagħtix ċans lir-rikorrenti li jikkontestaw din il-kawża eventwali, għaliex ma hemmx dubbju li l-emenda li permezz tagħha l-kambjala saret titolu eżekuttiv kienet intiża biex tevita azzjonijiet inutili fejn l-eċċezzjonijiet tal-konvenut huma tassew limitati. Kwindi l-Qorti trid appuntu tara jekk il-konvenut hemmhekk ikollux opportunita' jressaq b'suċċess dawn l-eċċezzjonijijiet (...)
>
> ""Hawn il-Qorti trid toqgħod ferm attenta milli tesprimi l-opinjoni tagħha li tali użura teżisti fil-każ in eżami jew le għax tali riċerka tispetta lil din il-Qorti f'azzjoni ad hoc wara li jiġu mressqa l-provi kollha relevanti. Iżda fl-istess ħin biex tara jekk jeżistux dawk l-elementi gravi u validi neċessarji għall-kawza odjerna l-Qorti bilfors għandha l-obbligu li tesprimi d-dubji ferm serji tagħha dwar il-każ in eżami..."

"Minn din is-silta huwa car illi l-procedura provduta fil-proviso tal-Artikolu 253 (e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija wahda ristretta ghal semplici sospensjoni tal-esekuzzjoni f'cirkostanzi partikolari, u l-ligi ma taghti l-ebda setgha ohra lil Qorti. Ghalhekk dak li qed jintalab mir-rikorrent Balani imur ferm oltre l-poteri moghtija lil din il-Qorti mill-ligi, fatt li minnu huwa konsapevoli r-rikorrent ghaliex filfatt huwa ma kkontestax illi taht dan l-Artikolu tista' tintalab biss is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tat-titolu, izda qal biss l-Artikolu 253 (e) m'huwiex applikabbli f'dawn il-proceduri."

Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrent Ronald Robert Balani li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnu premessi, talab li s-sentenza tal-ewwel Qorti:

> "... ... tigi revokata billi jigu milqugha l-eccezzjonijiet tal-esponent appellant u michuda t-talbiet tal-appellat Anthony Grech Sant bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat."

Rat ir-risposta ta' Anthony Grech Sant li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, talab:

> "... ... li l-appell interpost jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant."

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-kwistjoni f'din il-kawża hija waħda legali u hija intiża għall-inerpretazzjoni tal-Artikolu 253(e) tal-imsemmi Kap. 12 li jqis bħala titoli eżekuttivi *"kambjali u promissory notes maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ".* L-ewwel Qorti aċċettat it-teżi tal-intimat Grech Sant li *cheque* huwa kambjala, u kwindi jista' jiġi res eżekuttiv bil-proċedura kontemplata fl-Artikolu 256(2) tal-istess Kap. 12, u ċioe`, bin-notifika ta' sejħa għall-ħlas magħmulha b'att ġudizzjarju.

Ir-rikorrent appella mis-sentenza u jgħid li għalkemm *cheque* għandu aspetti simili għall-kambjala, fil-verita` ma humiex l-istess, u *cheque* huwa eskluż mill-operat tal-artikoli msemmija tal-Kap. 12.

L-intimat Grech Sant wieġeb li hu jsostni d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti, iżda ressaq bħala preġudizzjali preliminari n-nullita` tal-appell peress illi, skont hu, digriet fuq l-effikaċja o meno tal-Artikolu 253(e) mhux appellabbli.

Trattat l-ewwel dan l-aħħar punt, din il-Qorti tara li huwa minnu li l-*proviso* għall-artikolu msemmi jgħid li digriet għas-sospenzjoni tal-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* "ma jkunx appellabbli", pero` , f'dan il-każ, ir-rikorrent mhux qed jitlob is-sospenzjoni tal-eżekuzzjoni ta' kambjala jew *promissory note*, iżda qed jissottometti illi dak l-artikolu ma japplikax affattu għal *cheques*, u allura dak li pprova jagħmel l-intimat huwa ħażin. L-intimat Grech Sant ipprova jinqeda bl-Artikolu 253(e) u 256(2) biex, bi proċedura sempliċi (ħruġ u notifika ta' ittra uffiċjali), jakkwista titolu eżekuttiv a bażi ta' *cheques* maħruġa mir-rikorrenti. Ir-rikorrent mhux qed jitlob li l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv reklamat jiġi sospiż, iżda qed jallega li *cheque* mhux titolu eżekuttiv u l-proċedura kontemplata fl-imsemmija artikoli m'hijiex applikabbli. Kwindi, il-*proviso* għall-Artikolu 253(e) huwa wkoll inapplikabbli u s-sentenza definitiva li tat din il-Qorti f'dan il-każ huwa appellabbli bil-proċedura solita.

Trattat issa l-meritu tal-kawża, din il-Qorti tirrileva li kambjala, *cheque* u *promissory note* huma strumenti ta' kreditu, u għandhom ċertu

somiljanza. Il-fatt li fl-imsemmi artikolu tal-liġi l-Leġislatur semma tnejn u mhux ukoll it-tielet wieħed, jagħti x'jifhem illi hu ma riedx jagħti titolu eżekuttiv lill-istrumenti ta' kreditu kollha. Anzi, kif osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Anjake Ltd v. Balani**, deċiża fis-17 ta' Jannar 2017, mid-dibattiti Parlamentari fuq dan l-artikolu joħroġ ċar li l-leġislatur ried, f'dak l-istadju, jeskludi li jqis *cheques* bħala li jistgħu jipproduċu titolu eżekuttiv. Tajjeb li jingħad li f'din l-aħħar imsemmija kawża, dik il-qorti qalet ċar u tond li *cheque* mhux titolu eżekuttiv.

Ikkonsidrat il-meritu nnifsu, din il-Qorti tifhem li bejn *cheques* u kambjali hemm ħafna similitajiet, pero` ma jistgħux jitqiesu li joperaw bl-istess mod. Fl-opra ta' J. Milnes Holder, *"The Law and Practice of Banking",* taħt il-kap. *"Differences between bills of exchange and cheques"*, jiddikjara hekk:

> *"There are many points of similarity between bills and cheques. This is understandable because a cheque is a particular type of bill. However the following points of difference may be noted;*
>
> > *"a) A bill may be drawn upon any person, whereas a cheque must be drawn upon a banker.*
> >
> > *"b) A bill may be payable on demand or at a fixed or determinable future time, whereas a cheque must be payable on demand.*
> >
> > *"c) There is no provision which enables Bills to be crossed, whereas cheques may be crossed."*

Isegwi li mhux kemm tgħid li l-kambjala tfisser ukoll *cheque*.

In-natura vera ta' *cheque* hi wkoll differenti minn dik ta' kambjala. *Cheque* għandha n-natura ta' mandat, li ma japplikax għall-kambjala. Hu minnu li, maż-żmien, beda jiġi aċċettat li ċerti elementi tal-kambjala għandhom japplikaw ukoll għaċ-*cheque*, pero`, din mhux biss ħolqot ftit ta' konfużjoni, iżda l-assimilazzjoni ma ġietx aċċettata bħala stat ta' fatt. Fil-ktieb "Law of Banking" ta' Lord Chorley, fil-kapitolu 4 tiegħu, ġie spjegat hekk fuq dan il-punt:

> *"The cheque is the written order by which the customer requires his banker to repay the money which has been lent to him: in law it is technically described as a mandate, that is, an authorisation to take certain action on his behalf. By the terms of this mandate the customer may require the banker to make the payment in question either to himself or to a third party. In its modern form the cheque in simply a particular type of bill of exchange. It is, in addition to being a mandate, therefore, a negotiable instrument carrying the advantages, and also the disadvantages, which attach to negotiability.*
>
> *"The fact that the machinery by means of which the customer makes use of the money which he has with his bank for his business and other purposes takes the form of a bill of exchange (cheque) results from the historical development of banking in this country. What the customer is essentially concerned with is to get his money paid to a third person, or, of course, repaid to himself, and for this purpose a mandate to his bank would be sufficient. The fact that this mandate is also a bill of exchange has not been altogether happy in its consequences.*
>
> *"In the first place it resulted for many years in an obscuration of the relationship between the principal and his mandatory (customer and banker): for the duties of these to one another are by no means the same as those of the drawer of a bill of exchange towards the drawee. Light has been thrown upon this relationship by such cases as* ***London Joint Stock Bank Ltd v. Macmillan****, and* ***Westminster Bank Ltd v. Hilton****, but the position is still not altogether clear.*
>
> *"In the second place it has resulted in a vast amount of quite unnecessary legal difficulty arising in a number of different ways; as from the application of the tort of conversion to bills of exchange treated as personal property which placed such an onerous responsibility on banks that statutory modification of their liability was introduced. And the enormous growth of the cheque system which resulted from the discovery that for practical purposes cheques could*

> *be used as currency made some of the matters which are incident to the use of bills of exchange such as endorsements both oppressive as consumers of time, and onerous as involving the possibility of liabilities from forgery. This resulted in a growing demand for the introduction of some new type of instrument to replace the cheque. In the end however the way out was found in the development of the credit transfer system and 'bank giro' rather than by the invention of a new instrument.*
>
> *"The cheque continues to provide for more and more people very real advantages and it seems unlikely that the cheque as we know it today will decline much in popularity, if at all, and a careful study of the law relating to it will therefore continue to be for some time to come a necessity for all engaged in the day to day business of banking."*

*Cheque* mela, huwa *'negotiable instrument'* bħal kambjala, pero`, it-tnejn mhux l-istess, u kif ingħad, *"it is still not altogether clear"* kemm il-prinċipji tal-kambjala japplikaw għaċ-*cheque* u sa fejn. Jingħad, pereżempju, li kambjala għandha eżistenza awtonoma u indipendenti min-negozju li wassal għall-ħruġ tagħha, iżda ma jidhirx li intqal l-istess dwar *cheques*.

Din il-Qorti, kwindi, ma tarax li l-kliem kambjala jew *promissory note* użata fl-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12, jistgħu jiġu estiżi biex jinkludu *cheques* li, kif intwera, għandhom natura differenti u japplikaw għalihom regoli differenti.

Wieħed, forsi, jista' jargumenta li *cheque* jiġi jixbaħ kambjala jekk jitpoġġa fiċ-cirkolazzjoni bl-endorsjar tiegħu. Fil-fatt, din il-Qorti f'sentenza tal-15 ta' Ottubru 1875, fil-kawża fl-ismijiet **Enrico Sammut v. Conte Vincenzo Falzon** (Vol. VII. 448) kienet osservat:

> *"E' certo che anche i cheques sopra banchieri o cassieri, quando sono all'ordine e sono stati negoziati per via di girata, come nel caso, l'atto della girata si converte in cambiale – e quindi sono applicabili a sifatti cheques le regole concernanti per mancanza di pagamento quando non sono debitamente pagati, come nel caso di un cambiale."*

F'dan il-każ ma jirriżultax li ċ-*cheques* in kwistjoni ġew ġirati u kwindi lanqas jista' jingħad li ġew 'mibdula' f'kambjala.

Il-liġi in kwistjoni ma titkellimx dwar titoli ta' kreditu in ġenerali iżda speċifikament dwar il-kambjala u *promissory note*. *Cheque*, f'xi aspetti tiegħu, jixbaħ lil dawn, iżda ma huwiex wieħed minnhom.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tar-rikorrent Ronald Robert Balani billi tilqa' l-istess, tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti tal-5 ta' Ottubru 2016, u tilqa' t-talba tiegħu kif kontenuta fir-rikors promotur tiegħu tad-9 ta' Diċembru 2015.

L-ispejjeż in prim istanza jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet kif iddeċidiet l-ewwel Qorti, waqt li dawk marbuta ma' dan l-appell, jitħallsu mill-appellat Anthony Grech Sant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Joseph Azzopardi<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ld